MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Diċembru, 2005

Citazzjoni Numru. 334/2003

**Wilfred Borg**

***Versus***

***Air Malta p.l.c.***

Din hija kawża dwar kuntratt ta' impjieg. L-attur qiegħed ifittex għal żjieda fil-paga u għal *bonus* li ma ngħatawlux.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi b'ittra mibgħuta f'Ottubru ta' l-1992 li biha l-attur inħatar *group head – passenger services*, is-soċjetà konvenuta ntrabtet illi lill-attur tħallsu *performance bonus* sa elf lira (Lm1,000) fis-sena "*subject to the satisfactory performance of your duties and the attainment of departmental targets*". Fl-1993 l-attur tħallas *bonus* ta' elf lira (Lm1,000) u, għas-snin 1994 u 1995, tħallas *bonus* ta' elfejn lira (Lm2,000) kull sena. Bejn l-1996 u l-2002, iżda, il-konvenuta ma ħallsitx dan il-*performance bonus*.

Ma' l-istess ittra kienet mehmuża skeda msejħa *Group Head – Schedule of Standard Terms and Conditions* li bis-saħħa tagħha l-konvenuta ntrabtet illi tirrevedi s-salarju ta'

l-attur kull sentejn "*in the light of your performance, company situation and other related considerations*". Reviżjonijiet fis-salarju ta' l-attur saru biss fl-1995 b'seħħ mill-1 ta' Jannar ta' dik is-sena, fis-sena 1996, u, b'ittra tas-27 ta' Lulju 1999, nofs b'seħħ mill-1 ta' Jannar 1999 u nofs ieħor b'seħħ minn Jannar ta' l-2000.

L-attur għalhekk qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha tagħtih *performance bonus* u għandha tagħmel reviżjoni tas-salarju tiegħu kif imfisser fuq;
2. tillikwida l-ammont li għandu jieħu l-attur b'dawk it-titoli; u
3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata, flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittri uffiċjali tad-29 ta' Diċembru 2000 u tas-6 ta' Jannar 2003.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. dan il-każ huwa l-istess bħal żewġ każijiet oħra fl-ismijiet **John Saliba *versus Air Malta p.l.c.***(ċitazzjoni numru 335/2003) u **Francis Camilleri *versus Air Malta p.l.c.*** (ċitazzjoni numru 336/2003) u sar rikors biex il-kawżi jinstemgħu flimkien;  din it-talba kienet intlaqgħet b'dikriet tal-5 ta' Mejju 2004:  it-tliet kawżi nstemgħu flimkien u ż-żewġ kawżi msemmija fl-eċċezzjoni nqatgħu b'sentenza mogħtija llum ukoll;
2. is-soċjetà konvenuta ma tistax tiġi dikjarata debitriċi f'somma mhix likwidata;
3. jekk jitħallasx jew le *performance bonus* huwa mħolli għad-diskrezzjoni maniġerjali tal-konvenuta, kif juri l-kliem tal-kuntratt ta' l-impjieg;
4. l-istess igħodd għar-reviżjoni tas-salarju;
5. il-qorti tista' tagħmel stħarriġ dwar id-diskrezzjoni maniġerjali biss jekk min jinqeda b'dik id-diskrezzjoni jkun qies elementi li ma humiex xierqa jew jekk ir-riżultat ikun manifestament ħażin.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

L-attur kien impjegat fi grad għoli mas-soċjetà konvenuta sa minn qabel l-1992.  Billi liċ-*chairman* tal-bord tad-diretturi ta' dak iż-żmien kien deherlu illi s-salarji li jitħallsu lil min kien fil-grad ta' l-attur kienu x'aktarx baxxi, fittex li jtejjeb il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, kemm billi jgħolli s-salarji u kif ukoll bi ħlas ta' *bonus*.  Dawn il-kondizzjonijiet

ġodda ta' l-impjieg ta' l-attur kienu stipulati f'ittra mibgħuta lilu f'Ottubru ta' l-1992.

Fost ħwejjeġ oħra, l-ittra tgħid hekk:

The all inclusive salary attached to this post is Lm8,820 *per annum*, exclusive of the statutory half yearly bonuses as may be determined from time to time. … … …

Subject to the satisfactory performance of your duties and the attainment of departmental targets, you will qualify for a maximum additional bonus of Lm1,000 *per annum*.

Ma' l-ittra hemm ukoll skeda li, dwar is-salarju, tgħid hekk:

1. SALARY - Lm8,820

The Company shall undertake a review of the above quoted basic salary, on a biennial basis, with effect from 1st November 1994 in the light of your performance, company situation and other related considerations.

The contents of this clause only shall remain in effect up to 31st October 1994. At the expiry of the said period, the salary herein provided for in this Agreement shall be re-negotiated as between the parties hereto and any Agreement shall be effective as from November 1994.

Is-salarju ta' l-attur kien jiġi rivedut sal-2000, iżda wara dik is-sena ma baqax jiġi rivedut. Il-*bonus* ukoll ma tħallasx aktar wara l-1995.

B'ittra tal-21 ta' Marzu 2003 is-soċjetà konvenuta offriet lill-attur kondizzjonijiet ġodda ta' l-impjieg, fosthom żjidiet fis-salarju. L-attur wieġeb fis-27 ta' Marzu 2003 u għamel kontro-proposti. Il-konvenuta, b'ittra tas-7 t'April 2003, wieġbet illi l-attur kellu jew jaċċetta l-proposti magħmula minnha bla tibdil, jew jibqa' bil-kondizzjonijiet li kellu qabel. L-attur għażel li jibqa' bil-kuntratt li kellu qabel, iżda l-konvenuta, minjeddha, xorta ħallsitu żjidiet għas-snin 2001, 2002 u 2003.

L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża biex jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas taż-żjiediet li kien imisshom ingħatawlu fis-salarju u l-ħlas tal-*bonus*.

Nibdew billi nqisu t-talba għall-ħlas ta' *bonus*.

Is-soċjetà konvenuta, fl-eċċezzjonijiet u fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tgħid illi l-ħlas tal-*bonus* kien imħolli għad-diskrezzjoni tagħha, tant illi setgħet, kieku riedet, għalqet ħalq l-attur billi tħallsu *bonus* ta' għaxar liri biss. Qalet ukoll illi l-metodu biex titkejjel il-prestazzjoni ta' l-attur, biex jitħallas *bonus* marbut ma' dik il-

prestazzjoni, kien meqjus, mill-bord tad-diretturi "bħala peżanti u diffiċli biex jingħata effett" u għalhekk kienet offriet illi, flok *performance bonus*, lill-attur tħallsu *allowance* taħt forma oħra li, iżda, fl-aħħar mill-aħħar, tħalli l-istess effett. Kien l-attur illi ma aċċettax din il-proposta.

Huwa minnu illi, fil-ħlas tal-*bonus*, hemm element ta' diskrezzjoni mħolli f'idejn is-soċjetà konvenuta. Madankollu, ladarba l-ħlas tal-*bonus* kien stipulat fil-ftehim bejn il-partijiet, hemm ukoll rabta kuntrattwali, u l-ħlas għalhekk ma jistax jitħalla fid-diskrezzjoni mhix imxekkla tal-konvenuta. Li ma kienx hekk, l-obbligazzjoni kuntrattwali tkun biss waħda potestativa u ma tiswiex, kif igħid l-art. 1056(1) tal-Kodiċi Ċivili[1], u interepretazzjoni li tifhem il-patt b'mod li jħalli l-ħlas għal kollox għar-rieda tal-konvenuta tkun interpretazzjoni li tmur kontra dak li jrid l-art. 1004 tal-Kodiċi Ċivili[2] għax tkun tfisser illi l-partijiet ftiehmu fuq patt li ma jiswiex.

Il-qorti għalhekk tifhem illi kien hemm obbligazzjoni fuq is-soċjetà konvenuta illi tħallas il-*bonus*, jekk seħħew il-kondizzjonijiet li taħthom kellu jsir il-ħlas, u d-diffikoltà li sab il-bord tad-diretturi biex jimplementa l-ftehim ma jeħlisx lis-soċjetà mill-obbligazzjoni.

Il-konvenuta osservat ukoll illi, ukoll jekk il-qorti ssib illi għandu jitħallas il-*bonus*, xorta ma tistax tasal għal likwidazzjoni għax ma għandhiex quddiemha t-tagħrif kollu meħtieġ biex tasal għal dik il-likwidazzjoni.

Dan ukoll jista' jkun minnu, iżda ma għandux iwassal biex lill-attur ikun miċħud kull rimedju.

Ix-xhud Joseph Tabone, li kien *chairman* fiż-żmien meta l-*bonus* kien jitħallas, fisser il-metodu li kien jinqeda bih hu biex jagħmel stima tal-prestazzjoni ta' l-attur. Meta nbidlu ċ-*chairman* u d-diretturi tas-soċjetà, dawk li nħatru flokhom kienu tal-fehma illi ma setgħux jinqdew b'dak il-metodu iżda ma sabux metodu ieħor; riedu minflok illi s-sistema tal-*performance bonus* jinbidel b'sistema ieħor. Il-*performance bonus*, iżda, kien meħtieġ b'rabta

---

[1] **1056.** (1) L-obbligazzjoni ma tiswiex meta tkun ikkuntrattata taht kondizzjoni li taghmilha tiddependi biss mir-rieda ta' dak illi jobbliga ruhu.

[2] **1004.** Meta klawsola tista' tfisser haga u ohra, ghandha tiftehem li tfisser dik il-haga li biha jista' jkun hemm xi effett milli dik il-haga li biha ma jista' jkun hemm ebda effett.

kuntrattwali li ma setgħetx tinħall jekk mhux bi ftehim tal-partijiet kollha, u l-attur ma tax il-kunsens tiegħu għal bdil fil-ftehim. Is-soċjetà konvenuta għalhekk kienet qiegħda tonqos mill-obbligazzjoni kuntrattwali tagħha meta ma għamlitx dak li kellha tagħmel sabiex jitwettaq il-ftehim.

Dan in-nuqqas tal-konvenuta ma għandux ikun ta' ħsara għall-attur u għalhekk, fil-fehma tal-qorti, għandu jitfa' fuq il-konvenuta l-oneru li turi illi ma seħħewx il-kondizzjonijiet għall-ħlas tal-*bonus*, flok ikun oneru ta' l-attur li juri illi l-kondizzjonijiet seħħew.

Il-konvenuta ma għamlitx dik il-prova u għalhekk il-qorti tgħid illi l-*bonus* għandu jitħallas sħiħ lill-attur bir-rata miftiehma ta' elf lira (Lm1,000) fis-sena mill-1996 sallum, b'kollox għaxart elef lira (Lm10,000). Tassew illi, għal xi snin ta' qabel l-1996, is-soċjetà konvenuta, minjeddha, kienet ħallset *bonus* ta' elfejn lira (Lm2,000), iżda dan ma jfissirx illi nbidel il-ftehim illi l-*bonus* ikun sa elf lira (Lm1,000) u l-qorti għalhekk sejra timxi mal-ftehim tal-partijiet.

Ngħaddu issa biex inqisu l-kwistjoni taż-żjieda fis-salarju.

Il-ftehim dwar is-salarju, miġjub hawn fuq, huwa x'aktarx enigmatiku, għax, wara li jgħid illi għandha ssir reviżjoni tas-salarju kull sentejn, b'seħħ mill-1 ta' Novembru 1994, ikompli jgħid illi "*the contents of this clause only shall remain in effect up to 31$^{st}$ October 1994*". Interpretazzjoni litterali twassal għall-konklużjoni assurda illi l-ftehim dwar reviżjoni kellu jibqa' jseħħ biss sa jum wieħed qabel ma kellu jibda jseħħ!

Il-qorti għalhekk ikollha tasal għal interpretazzjoni kif irid l-art. 1004 tal-Kodiċi Ċivili, u tifhem illi huwa biss il-*quantum* tas-salarju li kellu jibqa' jseħħ sal-31 t'Ottubru 1994, għax wara dik id-data kellu jibda jseħħ is-salarju rivedut.

Huwa minnu dak li tgħid is-soċjetà konvenuta illi f'dan il-patt ukoll hemm element ta' diskrezzjoni għax biex isseħħ reviżjoni l-partijiet iridu jiftiehmu dwar is-salarju rivedut. Il-patt għalhekk fih element nieqes għax ma jgħidx kif għandha sseħħ ir-reviżjoni u jħalli kollox għal ftehim fil-ġejjieni.

Madankollu, il-partijiet setgħu ma qalu xejn dwar reviżjoni fis-salarju, u xorta setgħu, wara sentejn, qablu fuq kondizzjonijiet ġodda. Fi kliem ieħor, il-patt dwar reviżjoni fis-salarju jew ma jfisser xejn għax ma jżid xejn — u din

tkun interpretazzjoni kontra dak li jrid l-art. 1004 tal-Kodiċi Ċivili — jew ifisser xi ħaġa billi joħloq obbligazzjoni kuntrattwali. Interpretazzjoni tajba bilfors tkun dik illi nħolqot obbligazzjoni kuntrattwali li ssir reviżjoni fis-salarju u, jekk dik ir-reviżjoni ma sseħħx — jew għax waħda mill-partijiet ma tersaqx għal negozjati jew għax il-partijiet ma jaslux għal ftehim — ikun imiss lill-qorti li tagħti rimedju.
Ir-reviżjoni kellha ssir fl-1 ta' Novembru ta' l-1994, l-1996, l-1998, l-2000, l-2002 u l-2004.
Ir-reviżjoni ta' l-1994 saret fl-1 ta' Jannar 1995, dik ta' l-1996 saret f'dik is-sena, dik ta' l-1998 saret fl-1 ta' Jannar 1999 u fl-1 ta' Jannar 2000. Għalkemm dawn ir-reviżjonijiet ma sarux b'seħħ mill-1 ta' Novembru tas-sena, l-attur aċċettahom u għalhekk ma hemmx kwistjoni dwarhom.
Wara, saru reviżjonijiet *de facto* fl-1 ta' Jannar 2001, fl-1 ta' Jannar 2003 u fl-1 ta' Jannar 2004. Fil-fehma tal-qorti, dawn għandhom jagħmlu tajjeb għar-reviżjonijiet li kellhom isiru fl-1 ta' Novembru ta' l-2000, l-2002 u l-2004. Huwa minnu illi ż-żjidiet għall-2000 u l-2002 ingħataw xahrejn tard kull darba, iżda għal dan ipatti l-fatt illi dik li kellha sseħħ mill-1 ta' Novembru 2004 daħlet fis-saħħ għaxar xhur qabel.
Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, ir-reviżjonijiet li jrid il-ftehim bejn il-partijiet kollha seħħew, u, għal din ir-raġuni, it-talba ta' l-attur dwar reviżjonijiet fis-salarju ma għandhiex tintlaqa'. Billi iżda kien fl-2003 illi l-konvenuta ħabbret dawn iż-żjidiet, għalkemm b'seħħ b'lura, u ħallsithom wara li nfetħet il-kawża, għax għall-ewwel rabtithom ma' kondizzjoni illi l-ftehim ta' qabel jitħassar għal kollox, huwa xieraq illi l-ispejjeż ġudizzjarji tħallashom il-konvenuta.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad it-talba għal reviżjoni fis-salarju ta' l-attur, tilqa' dik għall-ħlas ta' *bonus*, tillikwida l-*bonus* fis-somma ta' għaxart elef lira (Lm10,000), u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur għaxart elef lira (Lm10,000), flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħaxijiet legali minn dakinhar meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------